# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru.: 1953/15MH**

**Illum 10 ta' Awwissu, 2016**

**Grace Farrugia, bint missier Vincent Caruana u Madlene nee Abela, imwielda Rabat u residenti 52, Triq l-Ghenieq, Naxxar (ID 224857(M))**

**vs**

**Liliana Bartolo xebba, bin Carmel u Antonia nee Vella imwielda Pieta' residenti Zebbug (ID 339883(M)), Jacqueline Bartolo armla ta' Joseph-Mark sive Joe Mark Bartolo bint Joseph Cutajar u Beneditta nee Briffa, imwielda Attard u residenti Zebbug (ID 427279 (M)), Rose Anne Attard, mart Kenneth u bint bint Carmelo u Antonia nee Vella imwielda Pieta' u residenti Siggiewi (ID339883(M)) u Antonia Bartolo armla ta' Carmelo Bartolo imwielda Rabat, residenti Zebbug (ID 417452(M))**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrent fejn gie premess:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew*

*jiddisponi inter vivos sew b' titolu oneruz jew gratuwiti xi proprjeta', u b' mod partikolari.*

*Il-lukanda bla Numru jisimha 'Limelight Hotel fi Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba limiti ta' San Pawl il-Bahar, tmiss mill-Majjistral ma' Triq it-Tempesta, Grigal ma' Triq Gulju c-Centurjun u Lbic ma' proprjeta' ta' Salvatore Galea. L-istess lukanda hija accessibbli minn Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba.*

*Illi permezz ta' sentenza datata 31 ta' Jannar 2014 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Anthony Ellul, ir-rikorrenti giet kanonizzata kreditrici versu l-intimati fl-ammont ta' elfejn, tmienja u tmien mitt Ewro (€288,000). Din is-sentenza attwalment tinsab fl-istadju tal-appell u m'hijiex appuntata. (Dok A)*

*Illi l-esponenti kienu pprocedew b' talba ghal Mandat simili fuq xi proprjeta' ohra ta' l-intimati liema talba kienet giet milqugha fis-16 ta' Lulju, 2014 (Mandat Numru 524/2014/1).*

*Illi pero' minhabba li s-somma hawn fuq imsemmija hija sostanzjali u qed tizdied bl-imghax u l-ispejjez l-esponenti xorta wahda m'humiex sufficjentement ikkawtelati.*

*Illi ghalhekk jekk din il-lukanda tinbiegh huma ser jigu pregudikati ghaliex ikunu skoperti fil-pretenzjoni taghhom.*

*Illi dan l-ahhar l-esponenti saru jafu li l-intimati kienu qed jaghmlu tentattiv biex ibieghu il-lukanda de quo u ghalhekk kellu jsir dan il-mandat.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat."*

Rat illi l-Qorti laqghet provvizorjament it-talba b' digriet taghha tas-17 ta' Dicembru 2015.

Rat ukoll illi fil-mori tas-smiegh ta' l-istess Mandat deher certu Philip Bartolo gia mnizzel bhala intimat fl-istess rikors illi wera lil Qorti u lil partijiet prezenti illi hu ma kellu xejn x' jaqsam mal-vertenza in ezami u cioe' mal-proprjeta' li fuqha kien qed jintalab il-Mandat ta' Inibizzjoni u li x' aktarx li Philip Bartolo li kien koncernanti jinsab mejjet. Illi konsegwentement din il-Qorti wara li semghet lil partijiet irrevokat contrario imperio d-digriet taghha fejn laqghet provvizorjament il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimat hemm indikat Philip Bartolo Karta ta' l-Identita' Numru 906151(M). Ordnat ukoll illi dan id-digriet jigi notifikat lir-Registru ta' l-Artijiet u Registru Pubbliku a spejjez tar-rikorrenti.

Rat ukoll illi fis-seduta ta' l-24 ta' Frar 2016  l-Avukati tar-rikorrenti infurmaw lil Qorti li minn verifiki li saru fil-mori tas-smiegh ta' dan il-Mandat irrizultalhom illi Philip Bartolo mehtieg fir-rikors promotorju kien filfatt decedut u konsegwentement it-talba ghal hrug tal-Mandat kellha titmexxa kontra Liliana Bartolo, Jacqueline Bartolo, Rose Anne Attard, u Antonia Bartolo.

Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kancellament ta' l-isem u l-Karta ta' l-Identita' ta' Philip Bartolo fuq ir-rikors promotur u ordnat in-notifika mill-gdid tar-rikors promotorju.

Rat illi l-ahhar intimata Antonia Bartolo giet debitament notifikata b' affissjoni u bil-pubblikazzjoni f' Gazzetta Lokali.

Rat illi l-intimati ma ntavolaw ebda risposta ghall-istess mandat.

Tqis wara li semghet it-trattazzjonijiet u hadet konjizzjoni tas-sentenza esebita fl-atti datata 31 ta' Jannar 2014 Cit Nru 2764/1997 AE u tenut kont tal-kreditu hemm kanonizzat (soggett ghall-Appell) illi r-rikorrenti ghandha dritt prima facie x' jigi ikkawtelat u konsegwentement tilqa' t-talba.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**